MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 85/2014

**H S**

**vs**

**P J u Direttur tar-Registru Pubbliku u**

**permezz ta' digriet datat 27 ta' Gunju 2014 il-minuri R giet kjamata fil-kawza u Dr Anthony Stellini u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-istess minuri**

**Il-Qorti,**

**Preamobolu.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur H S li jaqra bil-mod segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni extra-maritali li r-rikorrent kellu mal-konvenuta P J, nhar it-2 ta' Jannar 2010 twieldet il-minuri R J, u dana skond ma jirrizulta mill-att tat-twelid;

2. Illi l-minuri giet rregistrata fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 44831 tas-sena 2010 bhala wild ta' missier mhux maghruf;

3. Illi ghad li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi inkluz b'ittri bonarji, u kif ukoll permezz tal-ittra ufficjali numru 2/14, datata nhar is-sittax (16) ta' Jannar 2014, hekk kif mitlub skond l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta debitament notifikata lill-intimata nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2014, sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala il-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet dejjem inadempjenti;

4. Illi ir-rikorrent ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu sabiex b'hekk ikun jista' jezercita dawk id-drittijiet, u obbligi tieghu bhala genitur.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghar-ragunijiet suesposti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li l-minuri R J hija il-wild naturali tar-rikorrent H S billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru it-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri R J, numru ta' iskrizzjoni 44831 tas-sena 2010, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem unknown father jigu sostitwiti b'dawk tar-rikorrenti H S;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta P J li taqra kif gej:-

(i) Illi preliminarjament, fl-ewwel lok, l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba difett fl-integrita tal-gudizzju gej mill-assenza tal-minuri R J f’dawn

il-proceduri u dan billi huwa manifest illi l-imsemmi minuri jipposjedi interess dirett, immedjat u gjuridiku fil-proceduri li jirrigwardaw l-istat taghha;

(ii) Illi in linea preliminari wkoll, fit-tieni lok, l-ittra gudizzjarja tar-rikorrenti tas-16 ta' Jannar 2014 hija nulla in kwantu mhijiex konformi mal-ligi li tezigi li jkun hemm it-taghrif liema taghrif jista' biss isir b'att pubbliku fit-termini tal-artikolu 87 tal-Kapitolu 16 f'kaz li ma jkunx sar mal-att tat-twelid;

(iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici qed jigu kontestati u dana peress li r-rikorrent huwa estraneu ghal minuri in kwantu m'ghandu ebda rabta li tezisti bejn wild u genitur u la mantna u lanqas ezercita xi access ghall-minuri;

(iv) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponenti li ghaldaqstant m'ghandhiex tkun soggetta ghall-ispejjez ta' din il-kawza kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza:

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l-minuri R J gialadarba qed jintalab biex isiru tiswijiet fic-certifikat tat-twelid taghha; u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeccepixxi illi tul ir-rikors gurarnentat tar-rikorrent, inkluz fit-talbiet, in-numru ta' l-att tat-twelid tal-minuri R J hu erronjament imnizzel bhala 44831 fit-tieni talba tar-rikorrent. Mill-istess Att tat-Twelid jirrizulta illi n-numru tar-registrazzjoni hu irregistrat bhala 149 tas-sena 2010 Ghalhekk ghal beneficcju ta' kjarezza u kompletezza tal-gudizzju, l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet debiti kif elenkati hawn fuq fir-rikors odjern.

3. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi dejjem bla hsara ghal dak fuq premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lill-istess H S sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri R J, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla R J. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita R J;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhorn jiddecledu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri R a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat li b'digriet tas-27 ta' Gunju 2014 gie kjamat in kawza l-minuri R u innominat lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Xhieda b'affidvait ta' l-attrici P J:-

*"Jiena kelli relazzjoni ma' H S, l-attur. Wara ftit ta' zmien li kien ilna nohorgu flimkien, bdejna noqghodu ma' omm H S gewwa 1-Hamrun. Wara sena u nofs li kien ilna flimkien, iddecidejna li jkollna tarbija u ghalhekk bdejna nippruvaw li jkollna tarbija flimkien.*

*Jiena hrigt tqila ftit wara u t-tarbija twieldet fit-2 ta' Jannar 2010. Kont mort 1-ufficju tar-Registru Pubbliku, jiena, nannti u omm H biex nirregistraw it-tarbija R wara li ghazilna l-isem tat-tarbija jiena u H. L-ufficjal tar-registru pubbliku fil-prezenza ta' nannti u omm H kien infurmana li ma setax jirregistra lil H bhala missier it-tarbija peress li kien ghad ghandu sbatax-il sena u ghalhekk ma kienx hemm triq ohra hlief li t-tarbija tigi registrata "unknown father".*

*Wara li ghalaq tmintax-il sena, H ma ghamel ebda tentattiv biex jirregistra lit-tifla fuq ismu.*

*Meta t-tifla kellha ftit 'il fuq minn sentejn, ir-relazzjoni taghna thassret wara li kien beda jittradini diversi drabi u nahfirlu ghal xejn. Wara li kien ra lit-tifla xi darbtejn, ma kienx baqa' jigi biex jara lit-tifla. Lanqas kien jikkontribwixxi xejn lejn it-tifla u tista' tghid f'dawn l-ahhar sentejn rabbejtha jiena wahdi.*

*Kien biss fil-bidu ta' din is-sena li H rega beda juri interess fit-tifla wara li kont jiena li bghattlu messagg fil-Milied 2013 li t-tifla xtaqitlu l-Milied it-tajjeb ghaliex hu la bghatilha rigal, la kartolina u lanqas messagg. Imbaghad wara li insistejt mieghu jien, kien ta xi haga tal-flus lili biex nixtrihom ghal htigiet tat-tifla.*

*Ghalhekk jiena nhoss li m'ghandix inbati l-ispejjez ta' din il-kawza."*

Xhieda b'affidavit ta' Dr Mariella Silvio, Junior Legal Officer fir-Registru Pubbliku.

*"Jirrizulta li Sara J stqarret illi meta hija giet sabiex tirregistra t-twelid tat-tarbija taghha hija xtaqet illi l-missier jigi dikjarat fuq l-att tat-twelid izda l-ufficjali tar-Registru Pubbliku qalulha li ma setghetx taghmel dan ghaliex il-missier kien ghadu minuri u ghaldaqstant il-missier kellu jitnizzel fuq l-att bhala mhux maghruf.*

*Kemm-il darba dak allegat minn Sara J huwa minnu, ikun ferm opportun li nikkjarifika x'seta' kien li wassal ghal dan. Il-ligi Maltija, f'artiklu 86 tal-Kodici Civili tipprovdi 'Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null. Illi ghaldaqstant jekk meta kienet se ssir ir-registrazzjoni tat-twelid ta' iben Sara J, il-missier deher sabiex jirrikonoxxi lit-tarbija bhala bintu, dan ir-rikonoxximent kien null u dan abbazi ta' l-artiklu 86 tal-Kodici Civili, u ghaldaqstant ma setax jigi indikat bhala l-missier fuq l-att tat-twelid. Illi ghaldaqstant jekk gara kif allegat minn Sara J, dan sar abbazi ta' dak li tipprovdi il-ligi f'Artiklu 86 u ma sarx b'mod arbitrarju.*

*Ghaldaqstant l-ufficjali tar-Registru Pubbliku ma ghamlu xejn ghajr li osservaw il-ligi."*

Il-konvenuta P J xhedet fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 u spjegat id-diffikultajiet li kienu inqalghu sabiex l-attur jigi registrat fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.  Tghid li kien hemm hafna problemi u glied bejniethom ghaliex hi kienet qed titlob li l-attur imantni l-minuri.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**

**Artikolu 87 tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:

8(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.

**Artikolu 88**

It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.

Ikkunsidrat;

Illi r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA, li hi meqjusa bhala l-aqwa prova, ma jhallu l-ebda dubju li l-attur huwa missier il-minuri R.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-premessi tal-azzjoni attrici gew sodisfacentement ippruvati u li t-talbiet jimmeritaw li jigu milqugha.

Dwar il-kap tal-ispejjez jirrizulta li kien hemm nuqqasijiet fuq iz-zewg genituri u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs kull wiehed.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tal-konvenuti billi tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li l-attur huwa missier il-minuri R.

2. Tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri ghandhom jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzel bhala missier isem u kunjom l-attur u l-konnotati kollha tieghu.

3. Il-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom "S J".

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta P J nofs kull wiehed.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------